## 17 ta' Jannar

## SAN ANTON, Abbati

*Salmodija tal-ġimgħa li jmiss ...*

## IS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR 'L ALLA

**V/.** Mulej, iftaħli xufftejja.
R/. U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.

### Salm 94 (95)

**Ant.** Alla hu ta' l-għaġeb fil-qaddisin tiegħu: ejjew nadurawh.

Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**Ant.** Alla hu ta' l-għaġeb fil-qaddisin tiegħu: ejjew nadurawh.

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.
F'idejh huma qigħan l-art,
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret.

**Ant.** Alla hu ta' l-għaġeb fil-qaddisin tiegħu: ejjew nadurawh.

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

**Ant.** Alla hu ta' l-għaġeb fil-qaddisin tiegħu: ejjew nadurawh.

"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.

**Ant.** Alla hu ta’ l-għaġeb fil-qaddisin tiegħu: ejjew nadurawh.

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.'
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

**Ant.** Alla hu ta’ l-għaġeb fil-qaddisin tiegħu: ejjew nadurawh.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
U jibqa’ għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

**Ant.** Alla hu ta’ l-għaġeb fil-qaddisin tiegħu: ejjew nadurawh.

## UFFIĊĊJU TAL-QARI

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen. Hallelujah.

## INNU

B'ferħ mill-qalb, Mulej, noffrulek
radd il-ħajr, tifħir u mħabba,
waqt li nagħtu ġieħ lil bniedem
li fit-triq perfetta mexa.

Ħalla kollox ta' did-dinja,
hena w ġid u kull ma jgħaddi,
fqir fost l-aħwa l-fqar ta' Kristu,
biex jistagħna bil-qdusija.

Għażel jaqdi lilek waħdek
b'ħajja umli fl-ubbidjenza,
ried ikun bħal ġilju safi,
jixbaħ lill-Għarus tal-verġni.

Fittex biss li jogħġob lilek
f'kull ma jaħseb, jgħid u jagħmel,
dejjem għaqda waħda miegħek
fil-ħuġġieġa ta' l-imħabba.

Meta mbagħad intemm bħall-vittma
fuq l-artal tas-sagrifiċċju,
int għollejtu ħdejk fis-sema
fil-ħelsien u d-dawl ta' dejjem.

Fuq l-eżempju tiegħu mexxi
lilna wkoll, biex naslu b'ħeffa
li nsebbħuk fid-dehra m'Ibnek

il-waħdieni u ma' l-Ispirtu. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa li jmiss ...*

## LEZZJONI II

Qari mill-Ħajja ta' San Anton, miktuba mill-isqof San Atanasju

*Is-sejħa ta' San Anton*

Anton kellu xi tmintax jew għoxrin sena meta mietu l-ġenituri tiegħu; baqa' waħdu ma' oħtu, ċkejkna ħafna, u ħa ħsieb id-dar u oħtu.

Kienu għadhom anqas għaddew sitt xhur mill-mewt tal-ġenituri, meta darba Anton ħareġ għall-quddies bħas-soltu u fit-triq qagħad jaħseb x'kien li ġagħal lill-Appostli jħallu kollox u jmorru wara Ġesù; huwa ġieb quddiem għajnejh lil dawk li, kif jingħad fil-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, kienu jbigħu ġidhom u jqiegħdu l-flus l-flus tal-bejgħ f'riġlejn l-Appostli biex kollox jitqassam lill-foqra; Anton beda jqis x'tama kbira kellhom dawn in-nies fil-ġid merfugħ għalihom fis-sema. Hu u jaħseb dan, daħal fil-knisja. Ġara li, fil-qari ta' l-Evanġelju, sema' x'qal il-Mulej lil dak l-għani: *Jekk trid tkun perfett, mur bigħ li għandek, u agħtih lill-foqra; mbagħad ejja u imxi warajja, u jkollok teżor fis-sema.*

Anton stħajjel li Alla nnifsu bagħat ifakkru f'dawn il-kelmiet qaddisa, u li kienu nqraw qisu minħabba fih. Minnufih wara l-quddiesa ħareġ, sejjaħ lin-nies tar-raħal, u qassmilhom b'xejn l-oqsma li kien wiret mid-dar – tlitt mitt għalqa, f'art għammiela u mill-aħjar – biex jeħles lilu nnifsu u lil oħtu minn ħafna ksir ir-ras. Mbagħad biegħ kull biċċa għamara li kellu, u daħħal somma kbira ta' flus; żamm xi ħaġa minnhom għal oħtu, u qassam il-bqija lill-foqra.

Meta darb'oħra reġa' mar għall-quddies, fl-Evanġelju sema' dan il-kliem tal-Mulej: *Toqogħdux tħabblu raskom għall-għada.* Ma kellux sabar jibqa' fil-knisja; ħareġ, ħa l-flus li kien żamm għal oħtu, u qassam lilhom ukoll lin-nies fqar. Lil oħtu ħallieha f'idejn xi xebbiet insara twajba li kien jafhom, biex irabbuha f'dar ta' nisa verġni. Hu mbagħad qabad ħajja axxetika qrib id-dar tiegħu, u kompla jgħix fil-ġabra, fit-tagħkis u fis-sabar.

Ħaddem ukoll idejh fix-xogħol, għax sema' li *jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas għandu jedd jiekol;* bil-flus li jaqla' kien jixtri x'jiekol, u jqassam il-bqija lil min ma kellux.

Kien jitlob sikwit, sikwit, skond ma tgħallem li d-dixxipli *għandhom dejjem jitolbu bla ma jintelqu.* Fil-qari kien hekk attent li xejn mill-miktub ma kien

jaħrablu, u kien iżomm kollox f'moħħu, hekk li l-memorja kienet taqdih minflok il-kotba.

In-nies tar-raħal, u xi rġiel twajba, midħla tiegħu, huma u jħarsu lejn dan il-bniedem, kienu jsejjħulu ħabib ta' Alla; xi wħud kienu jħobbuh bħal binhom, oħrajn bħal ħuhom.

**RESPONSORJU** Mt 19:21; Lq 14:33

R/. Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ li għandek, u agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema; mbagħad * Ejja u imxi warajja.

V/. Min ma jiċħadx għal ġidu kollu, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi * Ejja u imxi warajja.

## TALBA

O Alla, int tajt il-grazzja lil San Anton, abbati, biex jaqdik fid-deżert b'ħajja ta' qdusija kbira; agħmel li aħna, bit-talb tiegħu, nitgħallmu niċħdu lilna nfusna u nħobbu lilek dejjem u fuq kollox. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, u miegħek jgħix u jsaltan, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Inbierku l-Mulej.
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## IT-TIFĦIR TA’ SBIĦ IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

INNU

Feddej ħanin, int b’tjieba kbira tħajjar
bnedmin biex jagħtu ruħhom lil Missierek,
u f’ħidma ta’ kull xorta lilhom tmexxi
bl-Ispirtu tiegħek.

Tagħtihom twelid ġdid minn Alla l-veru
bil-ħajja tiegħek biex, b’dil grazzja fihom,
ikattru bla mistrieħ il-frott ta’ mħabbtek
fid-dinja kollha.

Inti ssejjħilhom: huma jħallu kollox,
ħa jimxu wrajk u, bis-salib mgħobbija,
ifittxu biss il-glorja ta’ Missierek
u s-saltna tiegħu.

Hekk dal-qaddis imħeġġeġ b’nar is-sema
miegħek ingħaqad bi rbit sħiħ ta’ mħabba;
wieħed kien ħsiebu: fih innifsu jnaqqax
ix-xbieha tiegħek.

Sebħ lill-Missier ħanin u lilek, Kristu,
il-kbir fost l-aħwa, w lill-Ispirtu s-Santu,
li ‘l min jagħtikom ftit troddulu ħafna,
b’mija fil-wieħed. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa li jmiss …*

**LEZZJONI QASIRA** Rum 12:1-2

Nitlobkom, ħuti, għall-ħniena ta’ Alla, offru ġisimkom bħala vittma ħajja, qaddisa, li togħġob lil Alla, b’qima spiritwali. Timxux max-xejra ta’ din id-

dinja, iżda nbidlu skond it-tiġdid ta' moħħkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb, x'inhu li jogħġob, x'inhu s-sewwa.

## RESPONSORJU QASIR

R/. B'qalbu kollha * Ħabb il-liġi ta' Alla tiegħu. B'qalbu.
V/. Qatt ma tfixkel fil-mixi tiegħu. * Ħabb il-liġi ta' Alla tiegħu. Glorja. B'qalbu.

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Il-Mulej jgħid: kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri, dak hu ħija u oħti u ommi.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
ghaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.
U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *

u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Il-Mulej jgħid: kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri, dak hu ħija u oħti u ommi.

## PREĊI

Ħuti għeżież, ngħollu bit-tifħir lil Kristu, Alla l-Qaddis, u nitolbuh il-grazzja biex naqduh tul ħajjitna kollha bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu. B'ferħ kbir ngħidulu:
*Mulej, int waħdek qaddis.*
Int ridt li tkun imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub:
- ħenn għalina, Mulej Ġesù.
Int sejjaħtilna biex inkunu lkoll perfetti fl-imħabba:
- qaddisna, Mulej Ġesù.
Int wissejtna biex inkunu l-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja:
- dawwalna, Mulej Ġesù.
Int ġejt biex taqdi, mhux biex tkun moqdi:
- agħmilna qaddejja umli tiegħek u ta' ħutna, Mulej Ġesù.
Inti d-dija tas-sebħ ta' Alla u x-xbieha ta' l-essenza tiegħu:
- agħtina li naraw il-wiċċ igglorifikat tiegħek, Mulej Ġesù.

**Missierna**

## Talba

O Alla, int tajt il-grazzja lil San Anton, abbati, biex jaqdik fid-deżert b'ħajja ta' qdusija kbira; agħmel li aħna, bit-talb tiegħu, nitgħallmu niċħdu lilna nfusna u nħobbu lilek dejjem u fuq kollox. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, u miegħek jgħix u jsaltan, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Ammen.**

## L-GĦASAR

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

## INNU

B'ferħ mill-qalb, Mulej, noffrulek
radd il-ħajr, tifħir u mħabba,
waqt li nagħtu ġieħ lil bniedem
li fit-triq perfetta mexa.

Ħalla kollox ta' did-dinja,
hena w ġid u kull ma jgħaddi,
fqir fost l-aħwa l-fqar ta' Kristu,
biex jistagħna bil-qdusija.

Għażel jaqdi lilek waħdek
b'ħajja umli fl-ubbidjenza,
ried ikun bħal ġilju safi,
jixbaħ lill-Għarus tal-verġni.

Fittex biss li jogħġob lilek
f'kull ma jaħseb, jgħid u jagħmel,
dejjem għaqda waħda miegħek
fil-ħuġġieġa ta' l-imħabba.

Meta mbagħad intemm bħall-vittma
fuq l-artal tas-sagrifiċċju,
int għollejtu ħdejk fis-sema
fil-ħelsien u d-dawl ta' dejjem.

Fuq l-eżempju tiegħu mexxi
lilna wkoll, biex naslu b'ħeffa
li nsebbħuk fid-dehra m'Ibnek
il-waħdieni u ma' l-Ispirtu. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa li jmiss …*

## LEZZJONI QASIRA Rum 8:28-30

Aħna nafu li Alla, ma dawk li jħobbuh, f'kollox jaħdem id f'id magħhom għall-ġid, ma' dawk li huma msejjħin skond il-providenza tiegħu. Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu sura xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa; lil dawk li ppredestinahom, sejjħilhom ukoll; lil dawk li sejjħilhom, iġġustifikahom ukoll; lil dawk imbagħad li ġġustifikahom, sebbaħhom ukoll.

## RESPONSORJU QASIR

R/. Ġust il-Mulej, * U jħobb il-ġustizzja. Ġust.
V/. Wiċċu jdawwar lejn min hu sewwa. * U jħobb il-ġustizzja. Glorja. Ġust.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:

Intom li ħallejtu kollox u ġejtu warajja, tirċievu kollox għal mitt darba aktar, u jkollkom b'xortikom il-ħajja ta' dejjem.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Glorja.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:

Intom li ħallejtu kollox u ġejtu warajja, tirċievu kollox għal mitt darba aktar, u jkollkom b'xortikom il-ħajja ta' dejjem.

## PREĊI

Nitolbu lil Alla l-Missier, li hu l-għajn ta' kull qdusija, biex, bl-eżempju u t-talb tal-qaddisin, jagħtina li ngħixu ħajja qaddisa. Ngħidulu bl-umiltà:

*Agħmilna qaddisin, għax int qaddis.*

Missier qaddis, int ridt li aħna nissejjħu wliedek, u nkunu hekk tassew:
- agħmel li l-Knisja tistqarrek fid-dinja kollha.
Missier qaddis, int tridna ngħixu sewwa kif jixraq lilek u togħġbuk f'kollox:
- agħmel li jkollna l-frott ta' kull opra tajba.
Missier qaddis, inti rġajt ħabbibtna miegħek bis-saħħa ta' Kristu:
- ħarisna f'ismek, biex inkunu lkoll ħaġa waħda bejnietna.
Missier qaddis, inti ssejjħilna għall-ikla tal-mejda tas-sema:
- agħtina li ngħixu dejjem iżjed fl-imħabba, bil-qawwa tal-ħobż li jinżel mis-sema.
Missier qaddis, aħfer il-ħtijiet kollha tal-midinbin:
- ilqa' lil ħutna l-mejtin kollha fid-dawl ta' dejjem quddiemek.

**Missierna**

## Talba

O Alla, int tajt il-grazzja lil San Anton, abbati, biex jaqdik fid-deżert b'ħajja ta' qdusija kbira; agħmel li aħna, bit-talb tiegħu, nitgħallmu niċħdu lilna nfusna u nħobbu lilek dejjem u fuq kollox. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, u miegħek jgħix u jsaltan, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Ammen.**